MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 992/2010/1

**Avviz Numru: 992/2010/MK**

**Derek Broadley**

**vs**

**Gina Mohnani**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fl-15 ta’ April 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***“It-Tribunal,***

*Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ seba’ mitt ewro (€700) rapprezentanti l-bqija tal-ammont ta’ elf ewro (€1,000) moghtija lilek bhala depozitu*

*skont skrittura ta' lokazzjoni tal-fond 50/7 Tigne' Seafront, Sliema datata 2 ta' Marzu 2009 wara li gie mnaqqas dak li hu dovut lilek ghall-kontijiet tad-dawl u ilma skont l-istess ftehim u dan peress li l-imsemmija lokazzjoni giet itterminata wara li l-imsemmi depozitu thallas lilek bil-quddiem.*

*Bl-ispejjez u bl-oghla rata ta' mghax skont il-ligi mid-datat ta' terminazzjoni tal-lokazzjoni, inkluz l-ispiza tal-ittra gudizzjarja datata 15 ta' April 2010 li saret mill-attur a tenur tal-artiklu 166A tal-kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ra r-risposta tardiva tal-konvenuta fejn qalet illi t-talba attrici hija intempestiva peress illi skont l-iskrittura ta' lokazzjoni in kwistjoni d-depozitu imsemmi mill-attur kellu jinzamm mill-esponenti sakemm jinstab li l-appartament mikri lill-attur jkun fl-istess kundizzjoni tajba li kien fih fil-bidu nett tal-lokazzjoni u peress illi l-attur jkun fl-istess kundizzjoni tajba li kien fih fil-bidu nett tal-lokazzjoni u peress illi l-attur halla diversi spejjez pendenti u kkaguna hsarat fl-appartament lilu mikri mill-esponenti allura peress illi t-talbiet rispettivi huma kontestati l-esponenti ghandha dritt izzomm tali depozitu fl-intier tieghu sakemm jithallsu l-kontijiet pendenti u anke l-ispejjez tad-debiti riparazzjonijiet. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*Minghajr pregudizju ghas-suespost, f'kwalunkwe kaz l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba huwa ferm eccessiv, ghalhekk ukoll it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*
*Kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza odjerna l-attur halla diversi spejjez pendenti u kkaguna hsarat fl-appartament lilu mikri mill-esponenti. Ghalhekk is-socjeta' esponenti qed tipprevalixxi ruhha, flimkien mal-prezenti, taghmel id-debita kontrotalba f'dan ir-rigward.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

*Ra l-kontrotalba tal-konvenuta fejn talbet hlas ta' hames mija tlieta u disghin ewro u sitta u sebghin centezmu*

*(€593.76), liema somma hija dovuta mill-attur rikonvenzjonat, kwantu ghall mitejn u tletin ewro u sitta u erbghin centezmu (€230.46) rapprezentanti kontijiet tat-telefown pendent, tmienja u hamsin ewro (€58) rapprezentanti 'remote control tal-airconditioning unit tad-ditta McQuay li ma giex irritornat mill-attur meta huwa rrilaxxja l-appartament de quo, kwantu ghal tlieta u hamsin ewro (€53) rapprezentanti remote control tal-airconditioning*
*unit tad-ditta Fujitsu li ma giex ritornat mill-attur meta huwa rrilaxja l-appartament de quo, hamsa u tmenin ewro u tletin centezmu (€85.30) rapprezentanti serratura gdida tal-bieb ta' barra, tletin ewro (€30) rapprezentanti l-prezz ta' xoghol inkors ghat-twahhil tal-istess serratura, tletin ewro (€30) ghat-tiswija tas-serratura fuq il-bieb tax-shower, hamsin ewro (€50) dovuti ex-contractu ghall-hasil u tindif u kwantu ghal hamsin ewro (€50) dovuti bhala kontribwizzjoni ghad-dawl u l-ilma.*

*Bl-ispejjez tal-avviz u bl-imghaxijiet sal-hlas effettiv, kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.*

*Ra r-risposta ghall-kontrotalba tal-attur rikonvenzjonati fejn qal illi l-ammont m'huwiex dovut u addirittura t-talba tal-konvenut rikonvenjenti hi wahda fiergha.*

*Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.*

*Ra d-dokumenti kollha prezentati in atti.*

*Sema' u ra x-xhieda ta' Derek Broadley, Gina Mohnani u Paul Busuttil.*

*Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.*

***Ikkunsidra:***

*Illi mill-provi jirrizulta li din il-kawza hija dwar hlas lura ta' parti minn somma ta' elf ewro (€1,000) mhallsa bhala depozitu fuq ftehim ta' lokazzjoni. Il-ftehim kien ghal sena mit-3 ta' Marzu 2009 ghall-appartament tas-Sliema*

*allegatament appartenenti lill-konvenuta. Illi l-ftehim ta' lokazzjoni intemm fil-bidu ta' Marzu 2010 u l-attur permezz ta' ittra datata 7 ta' Marzu, 2010 mibghuta lill-konvenuta talab illi jigi rifuz seba' mitt ewro (€700) mill-ammont ta' elf ewro (€1,000) li kienu gew depozitati mal-konvenuta mal-iffirmar tal-ftehim sabiex ikopru certi servizzi. Illi l-attur minn jeddu naqqas pendenzi ta' mitejn sitta u sittin ewro (€266) hlas ta' dawl u ilma u b'hekk irrizulta l-ammont tat-talba.*

*It-Tribunal sema' lill-attur jixhed illi huwa kien hareg mill-fond fl-1 ta' Marzu 2010 u kien halla l-fond nadif minghajr hsarat u li ma kellux pendenzi mal-konvenuta. Ftit jiem wara kien kiteb ittra lill-konvenuta fejn talabha li thallsu lura s-somma ta' seba' mitt ewro (€700) fi zmien hmistax-il gurnata mid-data ta' dik l-ittra. Fl-ittra spjega kif huwa kien naqqas il-pendenzi tad-dawl u l-ilma. Infurmaha wkoll illi huwa kien halla l-appartament fi stat nadif u ma kienx halla hsara u dan skont il-kundizzjonijiet tal-istess ftehim lokattiv. Id-data tal-ittra kienet is-7 ta' Marzu, 2010. It-Tribunal jirrilleva li l-ittra kienet mibghuta mill-indirizz tal-avukat difensur tal-attur. Irrizulta mill-provi li l-konvenuta qatt ma wiegbet ghall-ittra mibghuta mill-attur lill-konvenuta.*

*It-Tribunal ra li l-attur kien talab estensjoni tal-kirja izda l-konvenuta ma kinetx riedet iggeddet il-kirja. Ra wkoll illi wara li kien hareg mill-fond kien hemm tentattiv min-naha tal-attur permezz ta' ittra mibghuta lill-konvenuta fis-7 ta' Marzu 2010, sabiex jirkupra parti mid-depozitu mhallas minnu u ra li kien spjega ukoll illi huwa kien halla l-fond fi stat ta' ndafa tajba u li ma kienx halla hsarat. It-Tribunal ra li ma kien hemm ebda risposta ghal din l-ittra tal-attur izda kien hemm risposta allegatament mibghuta fl-14 ta' Mejju 2010 fejn l-konvenuta elenkat l-ilmenti taghha kontra l-attur. Intqal mill-konvenuta li din l-ittra kienet ir-risposta ghall-ittra ufficjali li hija kienet irceviet.*

*It-Tribunal jirrilleva illi dwar l-atti ta' din il-kawza, partikolarment meta l-attur intavola t-talba, l-konvenuta, debitament notifikata skont il-ligi, njorat it-terminu moghti lilha ghar-risposta u meta tfaccat quddiem it-Tribunal fid-*

*data tal-ewwel smigh insistiet illi hija kienet diga` wiegbet. It-Tribunal spjega lill-konvenuta li ma kien hemm l-ebda risposta in atti izda wara sar jaf illi l-konvenuta kienet qieghda tirreferi ghall-ittra informali miktuba minnha. It-Tribunal ipprova jispjega li kien hemm certu procedura civili li hija kellha tosserva skont il-ligi, izda l-konvenuta baqghet tinsisti li kienet wiegbet. Iktar 'l quddiem lit-Tribunal irrizultalu li t-twegiba li dwarha kienet ghamlet riferenza l-konvenuta kienet l-ittra nformali li sussegwentement giet ipprezentata, a fol. 64 in atti. It-Tribunal jirrilleva wkoll illi fl-ewwel seduta spjega lill-konvenuta li hija kienet obbligata tirrispetta l-proceduri quddiem dan it-Tribunal u jekk dehrilha li ghandha tikkontesta il-kawza hija kellha tintavola risposta skont il-ligi u fiz-zmien moghti lilha bil-ligi. Peress li ma kienx hemm opposizzjoni ghar-risposta tardiva min-naha tal-attur, it-Tribunal ikkonceda lill-konvenuta b'terminu ulterjuri ghar-risposta formali taghha.*

*Illi mill-provi tal-konvenuta qalet li hija kienet wiegbet l-ittra gudizzjarja permezz ta' ittra, izda t-Tribunal jirrilleva li t-twegiba kienet ittra personali miktuba mill-konvenuta indirizzata lil certu 'Drs', mhux maghrufa, datata 14 ta' Mejju 2010. Din l-ittra ma giet indirizzata lil hadd personali. Illi f'din l-ittra li tinsab, a fol 64, immarkata bhala Dok GM10 l-konvenuta gharrfet lil 'Drs' li l-attur kien halla l-appartament tieghu minghajr ma saret l-ispezzjoni mehtiega skont il-kundizzjonijiet tal-ftehim lokattiv. Illi meta hija kienet spezzjonat l-appartament sabet illi kien hemm certi hsarat. Sabet is-serratura tal-bieb ta' barra mkissra u din swiet €85.30 sabiex issirilha r-riparazzjoni necessarja, sabet bieb tax-shower imkisser u kellha thallas is-somma ta' €30 ghat-tiswija tieghu, sabet li kien hemm kitchen strainer nieqes fis-somma ta' €7, sabet zewg remote controls tal-air conditioning unit neqsin fis-somma ta' €83.04 u €53 kull wiehed u peress illi sabet l-appartament mahmug hija zammet €50 ghat-tindif skont il-kundizzjonijet tal-ftehim lokattiv. Illi fil-kontro-talba l-konvenuta talbet il-hlas ta' €593.76 ghall-ispejjez inkorsi minnha. Din is-somma tikkomprendi: €230.46 rapprezentanti kontijiet tat-telefown pendenti, €58 rapprezentanti 'remote control tal-*

*airconditioning unit tad-ditta McQuay li ma giex irritornat mill-attur, €53 rapprezentanti remote control tal-airconditioning unit tad-ditta Fujitsu, €85.30 rapprezentanti serratura ta' bieb, €30 rapprezentanti spejjez ta' xoghlijiet inkorsi ghat-twahhil tal-istess serratura, €30 ghat-tiswija tas-serratura tax-shower room, €50 dovuti ex-contractu ghat-tindif u €50 dovuti bhala kontribwizzjoni ghad-dawl u ilma ex-contractu li ma thallasx.*

*It-Tribunal sema' x-xhieda tal-konvenuta fejn spjegat illi l-kont tat-telefown qatt ma kien thallas mill-attur ghalkemm kien qal li kien hallsu. Din il-pendenza giet ikkonfermata ukoll minn rapprezentant tas-socjeta' GO Plc. illi l-perjodu ta' dan il-kont kien ikopri l-perjodu shih tal-kirja.*

*It-Tribunal sema' lill-konvenuta tixhed dwar il-kont tat-telefown u ra li lanqas l-attur stess ma kien konvint li kien hallas il-kont kollu. Illi dwar dan il-kont pendenti t-Tribunal m'ghandu ebda dubju li huwa dovut u huwa dovut mill-attur u ghalhekk huwa sodisfatt illi l-attur ma kienx hallas l-kontijiet tat-telefown u ghaldaqstant dan l-ammont huwa dovut minnu.*

*It-Tribunal sema' lill-konvenuta tixhed illi hija ma kinetx disposta iggeddet il-ftehim tal-kera li kien ghal sena u riedet il-fond lura. Illi l-attur ma kienx ha din l-ahbar tajjeb hafna tant illi huwa telaq mill-fond hesrem minghajr ma sellmilha jew qalilha li kien sejjer. Illi l-attur lanqas ma kien prezenti meta l-fond gie spezzjonat wara li kien irrilaxxa l-appartament.*

*L-ispezzjonar tal-appartament kien skont il-kundizzjonijiet tal-ftehim lokattiv. Il-konvenuta spjegat kif wara li telaq mill-fond hija marret tispezzjona l-appartament u sabet il-hsarat li hija elenkat fl-ittra nformali taghha tal-14 ta' Mejju 2010 li hija stqarret li kienet halliet fir-Registru tal-Qorti Civili ta' Malta.*

*It-Tribunal wara li sema' u evalwa l-provi kollha migjuba quddiemu, irrizultalu li meta l-konvenuta njorat l-ittra mibghuta lilha fis-7 ta' Marzu 2010 mill-attur, l-attur fehem illi ma kienx hemm ebda ilment min-naha taghha u li l-*

*kontenut tal-ittra tieghu kien issodisfa lill-konvenuta. Illi kien biss wara li nfethet il-kawza li huwa sar jaf formalment bl-ilmenti taghha u dan wara li kienu ghaddew oltre l-erba' xhur mill-ntavolar tat-talba.*

*Illi huwa minnu li skont il-fethim lokattiv il-fond kellu jkun spezzjonat mill-konvenuta jew mill-agent immobiljari u kien ikun fl-interess tal-attur li kieku kien prezenti. Izda rrizulta li l-ispezzjoni kienet saret mill-konvenuta u qatt ma kkomunikat formalment l-ilmenti taghha lill-attur tal-hsarat li allegatament sabet kif ukoll il-pendenzi ta' kontijiet, ghaliex fil-fehma taghha hija kienet koperta bid-depozitu mhallas lilha ta' €1,000 fil-bidu tal-fethim lokattiv. Huwa minnu wkoll li l-attur ma kien jaf xejn dwar l-ilmenti taghha, hlief wara li fetah din il-kawza.*

*Illi fil-fehma tat-Tribunal li bejn l-ammonti mitluba mill-konvenuta u l-ammont miltub mill-attur hemm oltre €100 favur l-attur li l-konvenuta qatt ma offriet lura lill-attur u li kienet zammet ghaliha. Illi kieku l-konvenuta jew wiegbet ghall-ittra tal-attur tas-7 ta' Marzu 2011, jew infurmat lill-attur li kien hemm pendenzi fuq din il-kirja, din il-kawza setghet tigi evitata. Izda minhabba l-imgieba inkoretta tal-konvenuta, l-attur ma kellux ghazla ghajr li jipprocedi kontra taghha.*

*Illi mill-provi migjuba quddiem t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-attur ipprova parti mit-talba tieghu peress illi rrizulta inekwivokament li huwa ma kienx hallas il-kontijiet tat-telefown u ghaldaqstant ghandha tigi mnaqqsa s-somma ta' €230.46 mit-talba attrici kif ridotta fis-somma ta' €650. Ghaldaqstant, l-attur huwa dovut is-somma ta' €419.54 mill-konvenuta.*

*Illi dwar il-kontro-talba hija l-fehma tat-Tribunal li l-konvenuta rikonvenjenti qatt ma interpellat lill-attur rikonvenut ghas-somma mitluba minnha. Illi l-attur sar jaf biss dwar dawn l-allegati danni wara li giet intavolata l-kawza minnu.*

*It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-konvenuta kienet komda zzomm dak li dehrilha li kien mehtieg bhala kumpens mid-*

*depozitu ta' €1000 minghajr ma hasset il-bzonn illi tikkommunika mal-klijent taghha l-ilmenti taghha anke bhala kortesija lilu ghall-ittra mibghuta minnu tas-7 ta' Marzu 2010. It-Tribunal ra li minflok, il-konvenuta injorat lill-attur kompletament u anke skont l-istess kalkoli taghha zammet approssimament €100 zejda.*

*Illi hija l-fehma gusta u ekwa tat-Tribunal li l-konventa rikonvenjenti ppruvat parti mill-kontro-talba taghha u t-Tribunal m'ghandu ebda dubju li l-kont tat-telefown fis-somma ta' €230.46 huwa dovut mill-attur ghaliex dan l-ammont kien isejjah il-perjodu tal-kera u ma kienx hemm ebda kontestazzjoni dwar in-numru tat-telefown.*

*Illi hija l-fehma gusta u ekwa tat-Tribunal illi l-hsarat kollha elenkati mill-konvenuta ammontanti b'kollox fis-somma ta' €363.30 ma gewx ippruvati hlief ghal €50 bhala kontribuzzjoni ta' ilma u dawl li l-attur ammetta kienu dovuti. Illi minkejja l-ispezzjoni maghmula skont il-kundizzjonijiet tal-ftehim, il-konvenuta kellha tkun iktar civili u tinforma lill-klijent dwar l-allegat hsarat ilmentati minnha u mhux arbitrarjament taqbad u zzomm id-depozitu minghajr ebda spjegazzjoni.*

*It-Tribunal ra li l-attur permezz tal-ittra tieghu kien dispost jiddjaloga mal-konvenuta izda hija ghazlet li ma twegibx.*

*It-Tribunal wara li sema' z-zewg partijiet jixhdu m'ghandux ma jemminx il-verzjoni konsistenti tal-attur dwar l-allegati hsarat mitluba mill-konvenuta. Li kieku l-konvenuta irrejagixxiet mill-bidu meta l-attur kien kitbilha fis-7 ta' Marzu 2010, it-Tribunal jifhem illi din il-kawza setghet tigi evitata.*

*Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma illi kemm it-talba kif ukoll il-kontro-talba ghandhom jigu milqugha in parte filwaqt illi l-eccezzjonijiet kemm fit-talba kif ukoll tal-kontro-talba ghandhom jigu in parte respinti.*

*It-Tribunal, ghalhekk jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parte kif ukoll jilqa' l-kontro-talba in parte u jikkundanna lill-konvenuta rikonvenjenti thallas lill-attur*

*limitatament fis-somma ta' erba' mija u dsatax-il ewro u erbgha u hamsin centezmu (€419.54) bl-ispejjez tal-ittra ufficjali u interessi kif mitluba.*

*Spejjez tat-talba u tal-kontro-talba sopportati tliet kwarti mill-konvenuta u kwart mill-attur.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gina Mohnani datat 5 ta' Mejju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' April 2011.

Rat ir-risposta ta' Derek Broadley ghall-appell imressaq minn Gina Mohnani, datata 30 ta' Mejju 2011 a fol. 8 tal-process fejn sostna ghar-ragunjiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Jonathan De Maria ghall-appellanti prezenti, u Dr. Edward Zammit Lewis ghall-appellat. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-2 ta' Frar 2012; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti ghas-7 ta' Frar 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 15 ta' April 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell sar ghaliex qed jigi allegat li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal) mar b'mod gravi kontra d-

dettami ta' imparzjalita' u tal-ekwita' skond il-ligi u l-azzjoni ppregudikat il-jeddijiet tal-appellanti u allura sar dan l-appell skond l-**artikolu 8 (2) (d) tal-Kap. 380.** u dan ghaliex skond l-appellant it-Tribunal fis-sentenza stess ura, qal li hija sejhet, bhala antipatija mal-appellanti meta rreferiet ghall episodju meta l-appellanti naqset li tipprezenta risposta quddiem l-istess Tribunal fit-terminu mpost fil-ligi u dan juri skond l-appellant wkoll l-pregudizzju li t-Tribunal kellu skond l-appellanti; gie wkoll allegat li meta gie ezaminat il-mertu tal-kontro-talba tal-appellant, l-istess Tribunal ghamel riferenza ghan-nuqqas jew il-mod li l-appellanti kienet irrispondiet ghall-ittra ufficjali mibghuta lilha mill-appellat, u dan minkejja li skond l-appellant hija ppruvat l-allegazzjonijiet taghha sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi dwar dan jinghad li jidher li dan l-appell sar abbazi tal-**artikolu 8 (1) (d) tal-Kap. 380** fejn jirrizulta jigi allegat li t-Tribunal jkun b'mod gravi mexa kontra d-dettami ta' imparzjalita' u ta' l-ekwita' skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella. Izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma giet indikat l-ebda agir da parte tat-Tribunal bil-mod kif mexxa l-kaz li jindika li l-istess Tribunal mexa b'nuqqas ta' parzjalita' bejn il-partijiet, izda jidher li ta opportunita' lill kull parti li tressaq il-provi taghha, minkejja n-nuqqasijiet tal-appellanti, anke procedurali, u wkoll ezami l-provi fid-diskrrezzjoni tieghu u ta l-gudizzju tieghu dwar l-istess b'mod li ddecieda b'mod skjett li ma kienx qed jemmen it-tezi tal-appellanti, anke minhabba l-mod li hija mxiet mal-appellat, fis-sens li hija ma rrisponditux u wisq anqas gharrfitu b'dak li mbaghad hija ndikatlu f'din il-kawza, u kien ghalhekk biss waqt is-smigh tal-kawza li l-appellat sar jaf ghaliex l-ammont li huwa talab li kellu jigu rifuz lilu effettivament ma giex hekk ritornat, u t-Tribunal hass ukoll li kieku l-appellant mexa tempestivament, il-kawza lanqas biss kienet tasal quddiemu, iktar u iktar quddiem din il-Qorti.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li minn imkien ma jirrizulta li t-Tribunal proceduralment mar kontra d-dettami ta' imparzjalita' u ta' ekwita', u dan ghaliex jidher li huwa ta lill- partijiet l-opportunitajiet kollha sabiex jaghmlu s-

sottomissjonijiet rispettivi taghhom u sabiex iressqu l-provi taghhom, u anke meta kkonceda lill-appellanti sabiex tressaq ir-risposta taghha, anke wara t-terminu previst mil-ligi, anke ghaliex il-parti l-ohra ma wriet l-ebda oggezzjoni dwar dan. Il-fatt li t-Tribunal ikkummenta dwar il-mod ta' kif agixxiet l-appellanti meta jidher li hija ma rrispondietx zgur tempestivament ghat-talba tal-appellat sabiex jigu rifuzi lilu l-ammont ta' depositu li huwa halla ghandha, bl-ebda mod ma jista' jew ghandu jittiehed bhala xi prova li t-Tribunal ma tax lill-appellanti l-opportunita' li tipprezenta l-kaz taghha. Fuq kollox l-akkuzi li saru f'dan l-appell mill-appellanti b'mod daqshekk b'sahhtu ma gew bl-ebda mod sostanzjati, u certament li anke mad-daqqa ta' ghajn, jidher li l-appell kif impost huwa attakk serju fuq l-imparzjalita' tat-Tribunal kif mexa f'dan il-kaz, izda li fil-fatt ma huwiex sostanzjat, ghaliex it-Tribunal, kellu d-dover fl-apprezzament tieghu tal-kaz, sabiex jevalwa wkoll l-komportament ta' kull parti fil-kawza, inkluz ovvjament dak tal-appellanti, specjalment tenut kont tan-nuqqasijiet taghha fil-konfront tal-interpellazzjonijiet tal-appellat u wkoll fil-proceduri stess quddiem l-istess Tribunal. B'daqshekk bl-ebda mod ma jista' jinghad li kien hemm xi nuqqas tat-Tribunal, anzi jidher li n-nuqqas kien tal-appellanti, tant li l-komportament taghha jidher li kellu effett anke fil-kuntest tal-kredibilita' taghha fix-xhieda minnha moghtija fuq il-mertu, u dan jidhol fil-parametri tad-diskrezzjoni tat-Tribunal fl-evalwazzjoni tieghu tal-provi quddiemu.

Illi ma` dan jinghad ukoll li f'dan il-kuntest jidher li l-kaz lanqas huwa wiehed li jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 8 (2) (d) tal-Kap. 380** proprju ghaliex it-Tribunal ma marx kontra d-dettami ta' imparzjalita' u ta' ekwita' skond il-ligi u fuq kollox jirrizulta li t-Tribunal osserva d-disposizzjonijiet kollha ta' procedura kontemplati fil-ligi sabiex sema' u fl-ahharnett iddecieda l-kaz quddiemu (**"Joseph Galea vs Sandra Vassallo"** A.C. – 26 ta' Jannar 2001; **"Grobett Holdings Ltd. vs Steve Abela et proprio et nomine"** (A.I.C. (PS) – 10 ta' Ottubru 2005), u dan fl-ebda stadju ta' proceduri; lanqas jista' jinghad li b'xi mod huwa ma kkunsidrax ix-xhieda ta' l-appellanti fil-mertu u dan billi skartaha arbitrarjament, ghaliex kif jidher

mill-istess decizjoni huwa ha in konsiderazzjoni l-istess xhieda, u ghamel apprezzament taghha fid-dawl tax-xhieda moghtija mill-parti l-ohra, ir-rizultanzi processwali, u wkoll fil-komportament ta' kull parti f'din il-kwistjoni u wkoll waqt li kienet qed issir fil-kawza.

Illi jinghad ukoll li fil-mertu t-Tribunal huwa tenut li jiddeciedi l-kaz quddiemu skond l-ekwita' abbazi tal-**artikolu 7 tal-Kap. 380** u hawn qed nitkellmu fuq il-mertu u ma hemmx dubju li meta l-Qorti ezaminat l-atti processwali, u d-decizjoni tal-istess Tribunal, jirrizulta bla ebda dubju li l-istess Tribunal hekk ghamel u hawn il-Qorti tirreferi ghall-prinicpji ennuncjati minnha fil-kawza **"Paul Sultana vs Tonio Schembri"** (A.I.C. (RCP) – 18 ta' Jannar 2012).

Illi mill-bqija l-appell propost ma hemmx dubju li huwa appell fuq apprezzament ta' fatti li ghamel it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (it-Tribunal) u dwar l-istess punt issir riferenza ghal dak li gie ritenut fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) fis-sens li:-

"*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara* ***"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"*** *(A.C. – 10 ta' Frar 1961);* ***"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"*** *(A.C. - 5 ta' Ottubru 2001);* ***"Carmelo Agius vs John Agius"*** *(A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994);* ***"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"*** *(A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement* ***"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"*** *(A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*

Illi wara li din il-Qorti rat l-atti kollha tal-kaz, u x-xhieda hemm prodotta, nkluz id-disposizzjoni tal-**artikolu 7 tal-Kap. 380** thoss li dan ma huwiex il-kaz fejn hija ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li sar mit-Tribunal, ghaliex ma hemmx ragunijiet gravi u impellenti sabiex dan isir (**"Joseph Grech Sant nomine vs L-Av. Dr. Riccardo Farrugia et nomine"** – A.C. – 28 ta' Frar 1997; **"Carmelo Agius vs John Agius"** – A.I.C. – 2 ta' Dicembru 1994); **"Tereza Schembri et vs Carmel Cassar et"** (P.A. (QK) (RCP) – 27 ta' Mejju 2010); **"Vincent Abdilla et vs Angelika Bonnici"** (P.A. (QC) – 27 ta' Jannar 2011); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella nomine"** (A.C. – 5 ta' Marzu 2003). Fuq kollox jidher li in vista' tal-provi prodotti t-Tribunal seta` wasal kif wasal ghall-konkluzjonijiet minnu raggunti b'dan li huwa agixxa fil-parametri li kienu disponibbli ghalih fid-determinazzjoni tieghu u l-apprezzament tal-fatti quddiemu, b'mod li rritjena, safejn hekk deciz fil-kawza, li l-appellanti ma ssodisfatx il-grad ta' prova rikjest minnha f'dak minnha allegat u f'dan is-sens issir referenza gha-sentenzi **"Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia"** – P.A  - 24 ta' Jannar 1966); **"Joseph Borg et vs Joseph Bartolo"** – A.I.C. – 25 ta' Gunju 1980; **"Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby"** – A.C. – 31 ta' Ottubru 2007).

Illi ghalhekk l-appell odjern qed jigi respint ghaliex huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, izda minn naha l-ohra ma taqbilx li dan kien appell fieragh skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 233 (f) tal-Kap. 12** kif qed jippretendi l-appellat.

## <u>III.   KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat datata 30 ta' Mejju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Gina Mohnani datat 5 ta' Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 15 ta' April 2011 fl-ismijiet  "Derek Broadley vs Gina Mohnani" (Avviz Numru 992/10/MK) in kwantu**

**konsistenti ma' dak hawn deciz, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Gina Mohnani.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------